MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 10/2005

**Professur Anthony Jaccarini**
**B.Dc., B.Pharm., M.D., M.A. (Oxon), B.Sc (London), P.h.d. (London), F.R.S.C, C.Chem.**

**-vs-**

**Il-Prim Ministru, L-Avukat Generali, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, ir-Rettur ta' l-Universita` ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess universita`, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-ex Imhallef Dottor Albert Manche` fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni, kif ukoll John Harrison u l-Avukat Dottor Raymond Zammit fil-kwalita` taghhom ta' membri tal-Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-25 ta' Frar, 2005 li permezz tieghu l-Professur Jaccarini espona bir-rispett;

## IL-FATTI

1. Fi zmien ta' taqlib politiku kbir f'pajjizna, f'Lulju tal-1978 mill-kattedra tal-Fakulta' tal-Farmacija tal-Fakulta' tal-Medicina. Wara r-rizenja tieghu ir-rikorrent gie appuntat Professur u Chairman tal-Farmakologija tal-Kullegg tal-Medicina ta' 1-Universita' King Faisal fis-Saudi Arabia. Fil-frattemp, Dr.Anthony Serracino Inglott li kien *lecturer* fi grad inferjuri ghar-rikorrent, kien applika ghall-kattedra vakanti talFarmacija minghajr success. F'Lulju tal-1987 wara li kien gie accertat minghand il-Medical Association of Malta (MAM) li rrikorrent kien fuq il-lista ta' dawk li kellhom jigu reintegrati skond il-ftehim li kien sar mal-gvern f'Mejju 1987 ir rikorrent ittermina irrevokabilment l-impieg tieghu fis-Saudi Arabia sabiex jerga' lura fl-Universita ta' Malta; ghalhekk huwa applika formalment ghal *reinstatement* skond id-direttivi tal-MAMalta bl-istess mod u fl-istess zmien bhalma applikaw kollegi tar-rikorrent, fosthom iProfessuri Griffiths, Bannister u Fenech. F'Awissu tal- 1987, il-Professuri Griffiths, Fenech u Bannister gew reintegrati ezattament fil-pozizzjoni illi kienu jokkupaw qabel ir-rizenja taghhom, u cjoe', dik ta' *Professors and Heads of Department.* Kuntrarjament, ir-rikorrent ma giex reintegrat, u ma nghata l-ebda raguni ghal dan il-fatt.

2. F'Ottubru tal-1987 ir-rikorrent gie mgharraf verbalment mill-Professur Peter Serracino Inglott li kien gie *reinstated* mill-1 ta' Jannar 1988 u li kien mistieden jistabilixxi dipartiment gdid tal-Farmakologija fil-Fakulta' tal-

Medicina peress illi kien ghamel 1-istess meta kien f'universita' barranija.

3. Fid-29 ta' Dicembru 1987, ad insaputa tar-rikorrent, il-Prim Ministru appunta r-rikorrent bhala Professur tal-Bijokimika, minkejja li ir-Rettur Professur Peter Serracino Inglott ftit xhur qabel, kien assigura lir-rikorrent illi kien ser jigi *reinstated* fil-Farmacija mill-1 ta' Jannar 1988. Ir-rikorrent raha din l-ittra, ghall-ewwel darba, snin wara l-imsemmija 29 ta' Dicembru 1987, cjoe', meta l-Avukat Dottor Albert Camilleri, dak iz-zmien Chairman tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (KPK), irrileva dan lir-rikorrent. Fit-2 ta' Jannar 1988 ir-Rettur Professur Peter Serracino Inglott informa lir-rikorrent illi d-decizjoni kienet tbiddlet. Ir-Rettur informa lir-rikorrent illi ma kienx gie *reinstated* bhala *Head* tad-Dipartiment tal-Farmacija u li l-istedina biex jibni dipartiment gdid ma baqghetx tapplika ghall-Farmakologija izda tbiddlet ghall-Bijokimika. Dan, dak iz-zmien, kien illegali stante illi l-kariga ta' Professur kienet indivisibilment marbuta *ipso jure* ma' dik ta' *Head of Department;* inoltre dan ikkuntrasta mal-istedina tar-Rettur Professur Peter Serracino Jnglott biex ir-rikorrent jibni dipartiment gdid tal-Farmakologija illi l-Fakulta' tal-Medicina, dak iz-zmien, ma kellhiex; u ulterjorment kontra kull logika u bonsens stante illi l-Bijokimika kienet gja tezisti fil-Fakulta tal.-Medicina. Konsegwenza ta' dan kollu, ir-rikorrent qatt ma gie *reinstated* fil-Farmacija kif kellu dritt li jkun. Ghalhekk ir-rikorrent talab lill-awtoritajiet kompetenti spjegazzjoni bil-miktub. Mid-dokumenti li seta' jara r-rikorrent, fid-decizjoni tal-kunsill ta' 1-universita' tat- 13 t'Ottubru 1987 {*Minutes* 6/87-12 i} il-kelma Pharmacology kienet maqtugha u fuqha inkitbu l-kliem Biochemistry and Toxicology. Din id-decizjoni inkludiet il-fatt illi kif appena kienet tigi maghmula lir-rikorrent l-offerta ghall-kariga tal-Bijokimika, il-kariga fil-

Farmacija, jigifieri ir-*reinstatement,* awtomatikament taqa'.

4. Fit-8 ta' Jannar 1988 ir-rikorrent rega' ghamel talba formali lill-Kunsill sabiex jigi *reinstated* bhalma kienu *reinstated* professuri ohrajn fil-Fakulta tal-Medicina, jigifieri bhala Professur u Kap tad-Dipartiment u minghajr l-ebda kundizzjoni imposta fuqhom, senjatament lil Dr. Paul Heywood, allura President tal-Kunsill. Fid-29 ta' Jannar 1988, fuq 1-agenda tal-Kunsill kien hemm it-talba tar-rikorrent u aktar wara, rakkomandazzjoni biex hu r-Rettur Professur Peter Serracino Inglott, jigifieri, Dr.Anthony Serracino Inglott, jigi appuntat *acting head* tal-Farmacija. Peress illi il-kattedra tai-Farmacija kienet vakanti, il-ftehim kollettiv bejn il-gvern u l-MAM kien gie ffirmat fl-1987, ir-rikorrent kellu 1-esperjenza rikjesta (stante illi kien precedentement okkupa din il-kariga ghal tmien snin shah) u l-kredenzjali akkademici mehtiega, ma kien hemm assolutament xejn li seta' jimmilita favur cahda tat-talba tar-rikorrent.

5. Kien evidenti, pero', illi jekk it-talba tar-rikorrent tigi milqugha, ir-rakomandazzjoni illi hu r-Rettur Serracino Inglott isir *acting head* kienet tkun superfluwa. Kien evidenti ukoll illi r-Rettur Professur Peter Serracino Inglott, kellu interess personali u familjari f'li jilhaq huh minfiok ir-rikorrent. Cjo nonostante, il-President tal-Kunsill Dr.Heywood ippermetta illi r-Rettur ikun prezenti meta t-talba tar-rikorrent tigi ikkonsidrata mill-Kunsill. Aghar minn hekk Serracino Inglott **inghata *locus standi* minghajr ma kellu interess guridiku fil-vertenza,** gie permess lir-Rettur jiehu parti attiva u krucjali fil-mertu u l-kunsiderazzjonijiet billi inghata l-fakolta' jipprezenta risposta (li naturalment kienet negattiva) ghat-talba tar-rikorrent, liema risposta kienet giet ippreparata mir-Rettur stess Profs. Serracino Inglott. Ghalhekk gie appuntat hu r-Rettur minflok ir-rikorrent. Fl-ittra tad-29 ta' Jannar 1988 li allura baghat lir-rikorrent, il-Kunsill mhux talli kkonferma d-decizjoni tat-13 t'Ottubru 1987, izda ddikjara li *r-reinstatement* tar-rikorrent bhala Professur tal-Farmacija kienet biss *'for a symbolic period'.* Ilkondizzjoni imposta

fld-decizjoni tat-13 t'Ottubru 1987 oltre dan kienet specifikatament, tghid li kif appena tigi maghmula l-offerta ta' kariga ohra, *ir-reinstatement* tal-Farmacija awtomatikament kienet taqa'. Dan kollu, maghdud ma' 1-ittra tal-hatra tar-rikorrent bhala Professur tal-Bijokimika li r-rikorrent ma kienx irid, kien ifisser haga wahda, u cjoe', li r-rikorrent, *de facto,* kien qed jigi michud li jiehu lura l-kattedra tal-Farmacija li hu kien jokkupa mill-1971 sal-1978, b'*tenure* sa meta jilhaq l-eta' ta' l-irtirar. Il-**malafede** ipprattikata fil-konfront tar-rikorrent tispikka fid-dawl tal-fatt illi waqt illi r-rikorrent kien qed jitlob li jigi *reinstated* kif kellu kull dritt li jaghmel ai termini tal-ftehim kollettiv illi l-MAM ikkonkludiet mal-gvern ta' Malta, ir-rikorrent thalla imdendel jistenna l-ezitu tat-talba tieghu sabiex tigi mwittija t-triq biex jigi appuntat hu l-ex Rettur ta' l-universita' minflok ir-rikorrent. Din ittriq sahansitra inkludiet, *inter alia,* il-bdil tal-Ligi (Att XXIV ta' l-1988).

6. Bic-cahda tar-*reinstatement* tar-rikorrent, il-hatra ta' hu r-Rettur bhala *Acting Head* f'Jannar 1988 kienet wittiet it-triq biex dan, minghajr ebda tfixkil tar-rikorrent li kien evidentement hafna *senior* tieghu, jigi appuntat *Associate Professor*, u mbaghad taht il-Ligi ta' l-Edukazzjoni (Att XXIV ta' 1-1988) jinghata l-kariga ta' *Head of Department* u snin wara **lahaq professur b'effett retroattiv** (jigifieri jilhaq *de facto* fl-istess kariga li kellu r-rikorrent qabel ma rrizenja). Tul dan iz-zmien sal-lum ir-rikorrent gie michud pubblikament mill-privileggi u 1-kortesiji li professuri irtirati ta' 1-Universita' ta' Malta solitament igawdu.

7. **Fit-28 ta' Gunju tal-1993 il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji (Kaz 4 146/9.1.a) iddikjarat illi kienet saret ingustizzja mar-rikorrent** u irrelevat illii r-rimedju ovvju, jigifleri illi r-rikorrent jinghata lura l-kattedra tal-Farmacija, ma kienx fattibbli. **Il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, pero', abuzivament, iddecida illi ma jsegwix id-decizjoni tat-Tribunal illi kien introduca huwa stess.** Jinghad ukoll illi **"<u>Ghalkemm il-</u>**

**<u>Professessur Peter Serracino Inglott jichad li dahlu konsiderazzjonijiet ta' natura familjari biex saret din il-manuvra, il-Kummissjoni mhix moralment konvinta minn dan.</u>"** Dan intqal espressament mit-Tribunal fil-paragrafu 9 tad-decizjoni tat-Tribunal. It-Tribunal implika hafna permezz ta' dan. Ghalhekk, fost ragunijiet ohra, ir-rikorrent istitwixxa proceduri quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (KPK) fil-31 ta' Dicembru 1993. Dak iz-zmien l-Avukat Dottor Albert Camiileri kien *ic-Chairman* tal-KPK. Pero', maz-zmien, *ic-Chairman* u l-membri inbiddlu u d-decizjoni finali tal-KPK ghalhekk ittiehdet mhux inqas minn ghaxar snin wara d-data surriferita, u ghalhekk, altru milli entro zmien ragjonevoli kif rikjest mill-Kostituzzjoni taghna u l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta (il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.) Fil-frattemp, il-Professur Peter Serracino Inglott, xejn seren bid-decizjoni tat-Tribunal ta' l-Ingustizzji, **allega falsament, b'mod merament frivolu u vessatorju,** illi r-rikorrent kien ha gurament falz quddiem il-Kummissjoni ta' l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. B'rizultat ta' dan, il-Qorti tal-Magistrati (Sede Civili) **sabitu hati ta' malafama** fil-konfront tar-rikorrent u mmultatu LM 50 (vide Il-Pulizija vs Rev. Profs. P. Serracino Inglott ; Cit. 1/96) L-appell ikkonferma l-htija u l-multa inflitta lil Professur Peter Serracino Inglott.

8. Il-KPK, permezz tar-Rapport Numru 155 (vide

konkluzzjoni f'pagni 28-29) fil-Kaz Numru 139 tar-rikorrent, iddecida illi "*ma jistax jinghad li hemm provi li l-Professur Peter Serracino Inglott ikkommetta xi reati ta' korruzzjoni bejn il-Professur Anthony Jaccarini u l-Universita' dwar ir-reinstatement tieghu".* Din id-decizjoni ittiehdet:

(a) wara ghaxar snin shah;
(b) minn membri tal-KPK mibdulin kompletament li imponew procedura gdida mill-istess KPK fil-mori tal-kawza;

(c) minn membri tal-KPK illi ma kienux indipendenti u imparzjali;
(d) wara li giet skartata u injorata x-xhieda tar-rikorrent, kif manifestat fid-decizjoni stess;
(e) minghajr ma r-rikorrent inghata l-fakolta' jipproduci x-xhieda tieghu ezawrjentement;
(f) minghajr ma r-rikorrent inghata l-fakolta' jaghmel ezamijiet u/jew kontro-ezamijiet tax-xhieda;
(g) minghajr ma r-rikorrent inghata 1-fakolta' illi jkun assistit minn avukat fil-proceduri kollha;
(h) minghajr ma r-rikorrent inghata l-fakolta' jiehu konjizzjoni tas-sustanza tax-xhieda illi l-KPK ghogobha tisma';
(i) minghajr ma r-rikorrent inghata 1-fakolta' jitratta personalment jew permezz tal-konsulent legali tieghu dwar il-fatti u l-argumenti legali (tant illi fit-28 t'April 2002 ir-rikorrent baghat ittra lill-KPK f'dan is-sens);
**(j)** minghajr ma kienet motivata sufficjentement;
(k) minghajr ma saret ebda traskrizzjoni u/jew registrazzjoni ta' depozizzjonijjet tax-xhieda.

Dan kollu wassal ghal-lezjoni ta' diversi drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fosthom id-dritt ghal smigh xieraq, kif ser jigi muri.

Ftit xhur wara din id-decizjoni, ir-rikorrent illi hass ruhu aggravat hafna minn din id-decizjoni beda jitlob lil KPK, permezz tal-konsulenti legali tieghu, **access ghall-process** (atti) ta' dawn il-proceduri illi wasslu ghad-decizjoni (rapport numru 155). Irrikorrent **ma thalliex jara l-atti.** L-istess trattament gie rizervat ghar-rapprezentanti legali tieghu. Infatti f'Jannar 2005 meta is-sottofirmat Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici mar il-KPK sabiex jinghata access ghall-atti, gie nfurmat mis-segretarju illi, fuq istruzzjonijiet tac-*Chairman,* l-ebda att, process u/jew dokument ma jista' jintwera lir-rikorrent u/jew il-konsulenti legali tieghu fl-ebda cirkostanza lanqas jekk ordnat hekk mill-Parlament. Dan gie **kkonfermat permezz ta' l-ittra datata 18 ta Jannar 2005 hawn annessa u mmarkata**

**bhala Dok. KPK 1 u l-ittra datata 28 ta Jannar 2005 (Dok. KPK 2).** Il-KPK ghalhekk saret **intokkabbli, insindakabbli** u hadd ma seta' jimpunja jew jipprova jimpunja u/jew almenu jivverifika 1-attendibilita ta') xi decizjoni u/jew rapport taghha daqs li kieku tezisti prezunzjoni *juris et de jure* fil-Ligi illi l-operat kollu taghha huwa perfett u li hi (il-KPK) hija infallibbli; *state of affairs* generali illi jfakkarna hafna fit'tribunali' investigattivi illi kien ippropona illi jahtar Augustus Pinochet fl-aghar zminijiet tar-regim pulizjesk tieghu fic-Cile. Il-KPK, fost affarijiet ohra bhat-tibdil fil-procedura fil-mori tal-kawza illi kkawza pregudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent, assumiet u/jew iddelegat poteri diskrezzjonali lilha nnifisha illi jvvjolaw u jisfidaw:

o il-Kostituzzjoni,
o il-Konvenzjoni Ewropeja,
o il-principji sakrosanti tal-gustizzja naturali,
o id-dettami tar-*Rule of Law,*
o l-ezistenza tas-*separation of powers (checks and balances)*
o in-necessita' tal-*judicial review* (illum *sine qua non* ta' *workable democracy*),
o l-intendiment tal-legislatur fl-introduzzjoni taghha (il-KPK) stess,

o il-prassi u l-gurisprudenza nostrana,
o u sahansitra il-kuncett (ormai principju basilari) tant importanti ta' *administrative openness* illi jkopri u jipprotegi individwi bhar-rikorrent minn kull forma ta' abbuz *at the hands of administrative bodies* (entitajiet bhal KPK) fl-Unjoni Ewropeja.

Dan ulterjorment sahhah il-**pregudizzju irrimedjabli** illi kien gie ikkrejat mill-KPK fil-konfront tar-rikorrent illi issa, wara 1-vjolazzjonijiet ta' drittijiet umani li sofra, gie svestit millopportunita illi almenu jikkonstata ghalih inniffsu x'wassal ghal tali rapport u kif tmexxew il-proceduri fil-kaz illi hu stess istitwixxa b'rizultat tal-konvinzjoni tieghu, u ta' hafna ohrajn (inkiuz, inter alia, **Il-Kummissjoni ghall-**

**Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji),** illi fic-cahda *tar-reinstatement* tieghu bhala *Head of Department* u Professur tal-Farmacija, entitajiet pubblici agixxew abbazi ta' korruzzjoni. Huwa ghalhekk, fost ragunijiet ohra, illi r-rikorrent ma kellux triq ohra hlief li jirrikorri ghal din l-Onorabbli Qorti ghax hija biss tista' taghti **rimedju effettiv permezz ta' *interim measure*** (komunement imsejjah *interim relief*) billi tordna illi 1-process shih (atti kollha) rigwardanti il-kaz 139 tar-rikorrent quddiem il-KPK jigu **immedjatament issigillati** fil-prezenza tieghu jew tal-konsulenti legali tieghu (u dan sabiex jigi evitat kwalsiasi tixkil mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u/jew intralcjar ta' provi) u jigi, ***in toto,* minnufih anness mar-rikors odjern** (l-atti ta' din il-kawza kostituzzjonali) jew alternattivament r-rikorrent u ssottofirmati konsulenti legali tieghu minnufih jinghataw il-fakolta' sabiex **ikollhom access liberu** u minghajr kundizzjoni ghal dawn l-atti (il-process) tal-KPK, jew alternattivament tordna illi 1-Marixxall taghha jiehu pussess tal-atti kollha (il-process tal-KPK) kawtelatorjament u jallegahom mal-atti ta' din il-kawza, u sussegwentement tisma lil partijiet kollha koncernati fuq dan il-punt sabiex il-Qorti tkun tista' tiddecidi fuqu deflnittivament.

Dan huwa indispensabbli sabiex il-kuncett tal-*equality of arms*, illi gie lez sfaccjatament mill-KPK, ikun issalvagwardjat mill-qrati ordinarji taghna u r-rikorrent jitqieghed f'sitwazzjoni illi permezz taghha jista' jkollu opportunita' sabiex jirrikorri ghad-drittijiet kostituzzjonali tieghu minghajr tixkil u ostaklu. Jekk din l-Onorabbli Qorti ma taghtix *interim relief* u tirrijintegra lir-rikorrent fid-drittijiet konstituzzjonali tieghu, tkun qed tigi kkunsmata lezjoni molteplici paradossalment, u cjoe', ***'an unfair hearing within proceedings alleging an unfair hearing'*** - stat ta' fatt illi xejn ma jaghmel gieh lid-demokrazija parlamentari taghna u l-livell ta' rispett ta' drittijiet umani illi pajjizna irnexxilu jilhaq f'dawn 1-ahhar snin. In vista tas-suespost u tar-riskju ta' intralcjar ta' provi, spezzettar u

*editing* fl-atti tal-KPK mill-KPK stess u/jew rapprezentanti taghha u/jew wiehed mill-intimati fil-proceduri odjerni, **ir-rikorrent mhuwiex gieghed jinnotifika lill-intimati bir-rikors odjern,** u dan sakemm ma tordnalux hekk din l-Onorabbli Qorti wara illi tohrog l-ordni (l-*interim measure*) mitluba fl-ewwel talba segwenti tar-rikorrent inkluz id-divjet tail-publikazzjoni ta' l-istess rikors naturalment sakemm l-intimati ikunu jafu bl-esistenza ta' l-istess rikors odjern. Dan kollu, jerga' jigi ribadit, qed jintalab kemm in bonafede kif ukoll fl-ahjar interess tar-retta l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Wara spjegazzjoni qasira tal-fatti, ir-rikorrent ser jghaddi sabiex jikkunsidra l-punti ta' Ligi rilevanti ghal dan il-kaz.

Dan l-agir ta' l-awtoritajiet kompetenti koncernati jikkostitwixxi, kif ser jigi muri, il-vjolazzjonijiet segwenti tad-disposizzjonijiet tal-Kap 319, senjatament il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u tal-Kostituzzjoni Maltija:

(a) tad-dritt ghal smigh xieraq;
(b) tad-dritt ghal rimedju nazzjonali effettiv;
(c) tad-dirtt ghall-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti;

(d) tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha.

…

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghat-tenur tar-ragunijiet kollha suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghtih dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa biex tizgura t-twettiq favur tieghu tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 36 u 39 tal--Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikoli 1, 3, 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-ewwel artiklu ta' l-ewwel

protokoll (Al .Pl) ta' l-istess konvenzjoni (il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) billi, fost affarijiet ohra:

1. Tordna illi minnufih (*interim measure*), ir-rikorrent jinghata access liberu u minghajr kundizzjoni ghall-atti kollha (process kollu) tal-kawza numru 139 quddiem il-KPK jew alternattivament tordna illi, fil-presenza tar-rikorrent u ta' ufficjal ta' din l-Onorabbli Qorti, l-atti kollha rigwardanti l-kaz 139 quddiem il-KPK jigu issigillati, trasferiti mill-KPK u migjuba fil-kustodja u l-pussess ta' din l-Onorabbli Qorti u annessi mar-rikors odjern u ghalhekk isiru parti integrali tal-proceduri kostituzzjonali odjerni jew alternattivament tordna illi l-Marixxall taghha jiehu pussess tal-atti kollha (il-process tal-KPK) kawtelatorjament u jallegahom mal-atti ta' din il-kawza, u sussegwentement tisma lil partijiet kollha koncernati fuq dan il-punt sabiex il-Qorti tkun tista' tiddecidi fuqu definittivament;

2. Tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' l-istess rikorsi naturalment sakemm l-intimati ikunu jafu bl-esistenza ta' l-istess rikorsi odjerni;

3. Tiddikjara illi gie lez id-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent fil-proceduri quddiem il-KPK;

4. Tiddikjara illi gie lez il-principju tal-*equality of arms* fil-proceduri quddiem il-KPK istitwiti mir-rikorrent;

5. Tiddikjara illi d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq entro zmien ragjonevoli gie lez mill-KPK;

6. Tiddikjara illi d-dritt ghal smigh orali u pubbliku gie lez mill-KPK fil-proceduri istitwiti mir-rikorrent;

7. Tiddikjara illi d-dritt ghall-*adversarial hearing* tar-rikorrent gie lez mill-KPK;

8. Tiddikjara illi d-dritt sabiex ir-rikorrent ikollu facilitajiet adegwati sabiex jipprepara l-kaz tieghu gie lez;

9. Tiddikjara illi d-dritt tar-rikorrent illi jkun assistit mm avukat fil-proceduri quddiem il-KPK u s-smigh tax-xhieda gie lez mill-KPK fil-proceduri istitwiti mir-rikorrent;

10. Tiddikjara illi il-KPK kif ikkostitwita meta iddecidiet il-kaz tar-rikorrent ma kenitx awtorita' indipendenti u imparzjali;

11. Tiddikjara illi gie lez id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq minn awtorita' indipendenti u imparzjali fil-proceduri quddiem il-KPK;

12. Tiddikjara illi l-atti tal-awtoritajiet kompetenti koncernati ivvjolaw id-dritt tar-rikorrent ghal protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti u ikkostitwew trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrent;

13. Tiddikjara illi gie ivvjolat id-dritt tar-rikorrent ghal rimedju nazzjonali effettiv meta il-Prim Ministru ma segwiex u/jew ma enforzax u/jew ma implimentax id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji;

14. Tiddikjara illi c-cahda tar-*reinstatement* mill-awtoritajiet koncernati kompetenti tammonta ghal deprivazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu;

15. Tiddikjara illi in-non-osservanza tad-decizjoni talKummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji mill-awtoritajiet koncernati kompetenti, fosthom il-Prim Ministru, tammonta ghal deprivazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu;

16. Tordna lill-Prim Ministru sabiex jottempra ruhu, minnufih u minghajr dewmien inutili, mad-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u ghalhekk jikkumpensa lir-rikorrent skond dik id-decizjoni;

17. Tordna lill-KPK b'kompozizzjoni gdida, u cjoe', diversement preseduta (mhux skond il-parir tal-Prim Ministru), sabiex, b'effett immedjat u minghajr dewmien inutili, terga' tibda' tisma' l-kaz tar-rikorrent mill-gdid skond il-Ligi u bl-ahjar harsien tal-garanziji kostituzzjonali kollha u tiddecidi 1-kaz wara li tkun semghet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent u ta' kull parti koncernata illi jkollha *locus standi* fil-kaz fl-ahjar interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

18. Tordna illi, visto n-nuqqas ta' formalitajiet procedurali u regoli fissi u tassativi stabbiliti mill-Kapitolu 326 tal-Ligijiet ta' Malta, il-procedura illi permezz taghha il-KPK nwovament u diversement komposta (mhux skond il-parir tal-Prim Ministru) ghandha tisma' l-kaz tar-rikorrent hija dik ikkontemplata mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

19. Tiddikjara illi, kemm separatament kif ukoll kumuluttivament, l-atti, id-decizjonijiet u l-agir tal-awtoritajiet kompetenti koncernati fil-konfront tar-

rikorrent ammontaw ghal vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-principji sakrosanti tal-gustizzja naturali, tad-dettami tar-*Rule of Law*, ta' l-ezistenza tas-*separation of powers (checks and balances),* tal-kuncett tal-*judicial review*, u tal-principju tal-*administrative openness* imhaddan mill-Unjoni Ewropeja (u ghalhekk issa vigenti f'Malta);

20. Tikkumpensa lir-rikorrent ai termini ta' l-Artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Fl-ahharnett, in vista tal-premess, partikolarment tat-talba enumerata 1, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta' dan ir-**rikors b'urgenza**. B'rizerva illi r-rikorrent izid jew ibiddel it-talbiet u/jew allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet umani u/jew kawzali u/jew kontenut tar-rikors odjern permezz ta' nota

spjegattiva addizzjonali wara li r-rikorrent u l-konsulenti legali sottofirmati ikunu hadu konjizzjoni tal-atti kollha (il-process kollu) tal-Kaz Numru 139 quddiem il-KPK.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta ta' l-Imhallef Dr. Albert Manche et noe pprezentata fit-28 ta' Frar, 2005 ghar-rikors ipprezentat fil-25 ta' Frar, 2005, li permezz taghha espona bir-rispett;

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent naqas milli jghid ghab-bazi ta' provediment tal-ligi talab li 1-Qorti taghti dik li qieghed isejjah bhala *interim measure.*

2. Illi 1-esponenti jichdu kategorikament li 1-Marixxalli sabu xi rezistenza fl-ezekuzzjoni tad-digriet moghti mill-Qorti fit-23 ta' Frar 2005 u dan kif jirrizulta mir-riferta ta' l-istess Marixxalli tal-Qorti datata 24 ta' Frar 2005 [Dok. A]. Jigi rilevat li fil-hin li marru 1-Marixxalli, il-membri

tal-Kummissjoni ma kienux prezenti fl-ufficcju. Is-Segretarju li kien prezenti m'huwiex membru tal-Kummissjoni.

Fic-cirkostanzi 1-Marixxalli tal-Qorti talbu direttiva permezz tat-telefon lill-Qorti dwar 1-ezekuzzjoni tad-digriet u mbaghad ipprocedew ghall-ezekuzzjoni skond id-direttiva moghtija mill-Qorti.

3. Illi 1-ligi tipprovdi espressament li ma jista' jigi svelat ebda taghrif dwar dak li l-membri u ufficjali tal-Kummissjoni jkunu saru jafu bihom waqt investigazzjoni. Inoltre, 1-membri tal-Kummissjoni u 1-ufficjali taghha lanqas biss ma jistghu jissejhu bhaba xhieda f'procedimenti biex jixhdu dwar affarijiet li jkunu saru jafu bihom fil-kors ta' investigazzjoni. F'dan is-sens 1-Artikolu 15(1) tal-Kap. 326 jipprovdi:-

*"Kull taghrif miksub mill-membri tal-Kummissjoni, minn xi persuna maghrufa taht l-artikolu l2 jew minn xi ufficjali ohra taghha waqt jew ghall-fini ta' xi investigazzjoni taht dan l-Att, ma ghandux jigi svelat hlief ghall-finijiet ta' l-investigazzjoni u ta' kull rapport li ghandu jsir dwarha taht dan l-Att, jew ghall-fini ta' xi procedimenti dwar 1-investigazzjonjjiet jew taht l-artikolu 10, u l-membri tal-Kummissjoni u l-ufficjali taghha ma jistghux jissejhu biexjixhdu f'xi procedimenti minbarra dawk imsemmija qabel dwar hwejjeg li jkunu saru jafu bihom waqt im'estigazzjoni taht dan l-Att.*

*(2) L-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali ghandu japplika ghal u dwar membri u ufficjali tal-Kummissjoni hekk kif japplika ghal jew dwar ufficjal jew impjegat pubbliku msemmjja fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali."*

Imbaghad 1-Artikolu 133 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) jiprovdi:-

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jewfatt li jkun gie fdat lilu jew li jkun gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi ghandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod ighin biex jigi maghruf meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innfisu delitt aktar gravi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerjja ghal zmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa."*

Jidher ghalhekk li l-iskop tal-legislatur kien li jizgura s-segretezza tal-investigazzjoni li ssir mill-Kunimissjoni. Jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha dan isir bi ksur cjar tal-ligi.

Dan apparti l-faft li gialadarba hemm kontestazzjoni dwar jekk l-inkartament ghandux ikun accessibbli, zgur li huwa prematur li l-atti jittiehdu mill-ufficcju tal-Kuinmissjoni qabel ma jigi trattat dan il-punt u b'hekk il-Kummissjoni tinghata l-opportunita' li taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Wiehed irid jiftakar li din hija 1-ewwel opportunita' tal-Kummissjoni li twiegeb ghat-talba tar-rikorrent,

gialadarba kien l-istess rikorrent li talab u ddikjara li l-atti li pprezenta m'ghandhomx jigu notifikati lill-esponenti.

4. Illi t-talba tar-rikorrenti hija bazata biss fuq supposizzjonijiet u kongetturi li l-inkartament ser jigi mbaghbas. Allegazzjonijiet li m'ghandhom l-ebda bazi u li r-rikorrenti naqsu li jissostanzjaw anke fuq bazi ta' *prima fade.* B'danakollu ma jistax ma jinghadx li l-Kummissjoni m'ghandix x'tahbi, dwar il-mod kif mexxiet din l-investigazzjoni, biss hija marbuta bis-segretezza mposta fuqha mil-ligi.

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, tal-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, u ta' l-Avukat Generali

ipprezentata fl-1 ta' Marzu, 2005 ghar-rikors tal-Professur Anthony Jaccarini, li permezz taghha esponew bir-rispett;

1. Illi l-esponenti jissottomettu illi r-rikors in risposta m'huwiex redatt konformement mar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura fil-Qrati u huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti taghti ordni fit-termini tar-regola numru 3(5) ta' l-istess regoli sabiex ir-rikorrent jipprezenta nota bl-iskop illi jikkonforma ruhu ma l-istess regoli.

Illi din is-sottomissjoni qed issir ghas-segwenti raguni:

Illi r-regola numru 3(1) ta' l-imsemmija regoli jistipula illi:

"3. (1) Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu .jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkun allegat li jkunu gew, li jkunu qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura."

Din ir-regola tistabbilixxi kemm il-minimu kif ukoll il-massimu illi jrid ikun fih rikors kostituzzjonali u dan ifisser

illi r-rekwiziti li trid il-ligi ma jistghux ikunu mhallta ma hafna affarijiet ohra illi l-ligi ma tridhomx fl-istadju tal-intavolar tal-pretensjoni permezz tar-rikors.

Dan huwa necessarju ghall-iskop illi l-lanjanzi fil-kawza jkunu jistghu jigu identifikati facilment. minn qari tar-rikors u illi jigi vjetat illi kawza tigi mitfugha mill-ewwel f'kobba konfuza ta' allegazzjonijiet, talbiet u sottomissjonijiet illi jfixxklu l-istradar efficjenti tas-smiegh taghha.

Illi r-rikors in risposta fih tnejn u tletin pagna mimlijin ingarbuljar ta' rakkonti, ilsinwazzjonijiet, sottomissjonijiet, referenzi ghal-awturi, referenzi ghal-sentenzi, footnotes biex jaghtu l-impressjoni ta' xi xoghol akkademiku ta' valur, talbiet u anke minacci lill-Qorti.

Illi huwa car llii dan il-metodu ta' akkampament ta' pretensjonijiet fit-termini tal-atikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 m'huwiex konformi ma dak rikjest fir-Regoli dwar il-Prattika u Procedura fil-Qrati li jirrikjedu illi r-rikors ikun 'konciz' u ma jippermettux tali anticipazzjoni ta' l-istadju tas-sottomissjonijiet fir-rikors promotur b'mod illi jwassal biex parti taghmel sottomissjonijiet fir-rikors promotur u sottomissjonijiet addizzjonali fl-istadju proprju tas-sottomissjonijiet u b'mod illi parti taghmel sottomissjonijiet li ma jkunux gew awtorizzati mill-Qorti.

Illi ghalhekk 1-esponenti jissottomettu illi r-rikorrent ghandu jigi ordnat biex a spejjez tieghu jipprezenta nota illi jkun fiha biss dak illi tesigi r-regola 3(1) fuq imsemmija u illi r-rikors promotur kif redatt ghandu jigi sfilzat.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, lili meta fil-para 8 tar-rikors promotur ir-rikorrent apertament jhedded lil dina l-Onorabbli Qorti illi 'Jekk dina l-Onorabbli Qorti ma taghtix interim relief u tirrintegra lir-rikorrent flid-drittijiet kostituzzjonali tieghu tkun qed tigi kkunsmata lezjoni molteplici radossalment, u cioe, 'an unfair hearing within proceedings alleging an unfair

hearing”’ huwa qieghed jikser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 994 tal-Kodici ta’ l-Organizzazjoni u Procedura Civili dwar l-uzu ta’ kliem oggezzjonabbli. Illi huwa ghalhekk fl kwalunkwe kaz indikat illi dina 1-Onorabbli Qorti taghti l-provvedimenti opportuni.

Illi in kwantu qed issir referenza ghall-‘Kummissjoni Permanenti tal-Korruzzjoni’ fl-okkju tal-kawza dan il-kliem huwa ukoll oggezzjonabbli u jaqa’ ukoll taht is-sanzjonijiet indikati fl-imsemmi Artikolu 994 tal-Kap 12 billi bis-sostituzzjoni ta’ dan il-laqam ghall-isem proprju tal-Kummissjoni r-rikorrent qieghed jinsinwa agir doluz u qieghed jonqos mill-obbligu li jzomm certa dinjita fl-ghemil ta’ sottomissjonijiet lill-Qorti.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda wiehed mill-esponenti ma huwa legittimu kontradittur ghall-azzjoni tar-rikorrent stante illi skond l-Artikolu 3 tal-Kap 326 il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni hija awtorita pubblika indipendenti imwaqqfa bl-istess ligi u illi skond is-subartikolu (8) tal-Artikolu 3 tal-Kap 12 “ma ghandhiex tkun suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll ta’ xi persuna jew awtorita ohra fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha”. Ghalhekk, salv l-protezzjoni minn proceduri vessatorji illi bilfors trid tigi rikonoxxuta lilha, l-Kummissjoni tirrispondi hi stess ghall-Kostituzzjonalita tal-agir taghha.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fil-mertu l-azzjoni tipprezenta il-karatteristici kollha ta’ azzjoni frivola u vessatorja ghas-segwenti rnottvi:

(a) in kwantu bazata fuq 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante illi:

(i) l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni twettaq biss investigazzjonijiet u ma tiddetermina ebda drittijiet jew obbligi civili;
(ii) illi l-investigazzjonijiet mill-istess Kummissjoni isiru fl-interess pubbliku u mhux biex rivendikati xi drittijiet privati liema drittijiet jistghu jigu rivendikati tramite azzjonijiet civili irrispettivament mill-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt anke r-rikorrent stess jirreferi ghall-kawza Cit Nru 291/92 GC intavolata biex jigu rivendikati xi drittijiet civili illi r-rikorrent jallega illi ghandu bhala rizultat tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Medical Association of Malta. Illi r-rikorent huwa skorrett pero meta jiddikjara illi huwa ried juza l-konkluzjoni li huwa spera illi tigi raggiunta mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni biex jesercita ‘piz u influenza fuq il-kawza civili pendenti’;

(iii) illi l-proceduri quddiem il-Kummissjoni Permanenti Kontra 1-Korruzzjoni huma proceduri ta’ investigazzjoni u mhux proceduri in kontradittorju u ghalhekk ir-referenza ghall-‘equality of arms’ u ghad-dritt ghall-‘adversarial hearing’, ghad-‘dritt ghal facilitajiet biex wiehed jipprepara d-difiza tieghu’, ghad-dritt ghal-‘public oral hearing’, ghad-dritt ghall-assistenza legali’ u ghal ‘smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli’ u ‘ghal smiegh xieraq quddiem awtorita indipendenti u imparzjali’ (kuncetti li jirregolaw il-proceduri dwar l-kontestazzjonijiet fil-kontradittorju u mhux l-investigazzjonijiet) hija svijata u irrelevanti fil-kuntest. Ir-rikorrent ghandu kull dritt illi jesigi dawn id-drittijiet processwali. Fil-kawza civili fuq indikata (li hija kawza fil-kontradittorju) izda m’hux fil-proceduri ta’ nvestigazzjoni bhal ma huma 1-proceduri quddiem il-Kummissjoni Permanenti Kontra 1-Korruzzjoni.

(b) in kwantu bazata fuq l-allegat ksur tad-dritt ghal rimedju effettiv fit-termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja stante ‘Li ma gietx ezegwita u implimentata d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji’ l-azzjoni hija ukoll affetta

mid-difett tan-‘*non sequitur*’ peress illi fliwaqt illi l-Artikolu 13 tab-Konvenzjoni Ewropeja jittratta dwar li ‘Kull min ikollu miksura d-drittijiet u 1-libertajiet tieghu kontemplati f’din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f’kariga uffcjali’, l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji kienet twettaq biss investigazzjonijiet li jwassluha ghal rakkomandazzjonijiet u m’hux ghal decizjonijiet illi jiddeterminaw ksur ta’ drittijiet fondamentali. Illi madankollu huwa car illi anke matul iz-zmien meta kienet tezisti l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji r-rikorrent kien liberu illi, jekk jidhirlu, jipprova jikseb

dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali u rimedju effettiv tramite azzjoni ordinarja jew azzjoni taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u l-Kap 319.

(c) in kwantu bazata fuq allegazzjoni ta’ trattament inuman jew degradanti 1-azzjoni hija ukoll nieqsa minn kull fondament billi minn imkien minn dak allegat ma jista’ jitqies illi jirrizulta illi l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni ittorturat lir-rikorrent jew assogettatu ghal xi trattament inuman jew degradanti fit-termini ta’ l-artikoli rilevanti dwar id-drittijiet fondamentali. Subordinatament huwa rilevat ukoll illi l-kwistjoni tar-rikorrent hija essenzjalment dwar rifjut da parti tieghu illi bhala impjegat jaghmel dak ix-xoghol illi mm jimpjegah jassenjalu. Ir-rikorrent imkien ma jallega illi huwa ma kienx kapaci jkun Professur tal-Biokimika kif jghid li xtaqitu jkun l-Universita’ izda jinsisti illi huwa kellu xi dritt illi ma 1-Universita jahdem biss bhala Professur u Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija. Il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrent verament kellux dan id-dritt tifforma 1-oggett ta’ proceduri legali ohra imsemmija fir-rikors promotur stess (Cit 291/92 GC fl-ismijiet’ Dr. Joseph Pace noe et vs Prim Ministru et’) u t-trattament inuman jew degradanti imkien ma jiffigura f’din il-kwistjoni illi hija essenzjalment kwistjoni dwar jekk tezistix rabta kontrattwali specifika bejn 1-Universita u r-

rikorrent dwar 1-ghoti lilu mill-gdid ta impieg u funzjonijiet partikolari.

(d) in kwantu bazata fuq id-dritt ghat-tgawdija pacifika ta' possedimenti l-azzjoni hija ukoll infondata billi minn imkien ma rrizulta illi d-decizjoni tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni tellfet xi impieg jew xi dritt ghali-ezercizzju privat ta' xi professjoni lir-rikorrent. Subordinatament huwa rilevat ukoll illi Professorat fl-Universita' jikkostitwixxi impieg u mhux possediment fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni

Ewropeja. Di piu, l-litigju in kwistjoni ma jinvolvix tkeccijja minn xi Professorat izda l-kontestazzjoni ta' offerta ta' kariga li kellha eventwalment tinbidel ghal wahda differenti minn dik illi r-rikorrent kien irrizenja minnha madwar ghaxar snin qabel. Huwa car illi kariga li minnha d-detentur ikun irrizenja qatt ma tista' tikkwalifika bhaia 'possediment' wara r-rizenja. In kwantu ghall-pretensjoni tar-rikorrent fis-sens illi huwa kellu dritt illi jigi 'reinstated' fil-kariga li minnha kien irrizenja in forza ta' ftehim bejn il-Medical Association of Malta u 1-Gvern u illi dak id-dritt kien jikkostitwixxi 'possediment', l-attur 1-ewwel irid jistabbilixxi illi huwa verament kellu dak id-dritt u dan huwa l-meritu tal-kawza Cit.Nru 291/92 GC fuq imsemmija. Fi kwalunkwe kaz, anke kieku kellu biss ghall-grazzja tal-argument jitqies illi l-attur kellu xi tali dritt is-soluzzjoni tal-vertenza tkun tinsab fid-dritt ordinarju u mhux fi proceduri Kostituzzjonali.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2005 u l-privvedient tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Dicembru, 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet intavolati mill-intimati rapresentanti l-Kummissjoni ntimata wara li semghet it-trattazjoni tal-Avukati tal-partijiet u rat in-noti.

Ikkunsidrat;

Illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet jirrigwardjaw id-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tiddeklina li tisma' l-kawza jekk jidhrilha li hemm rimedji ohra sufficjenti fil-ligi ordinarja u li f'kull kaz l-artikoli msemmija fir-rikors promotur humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Il-Qorti thoss, ghal ragunijet li jidhru iktar car iktar il-quddiem

illi huwa utili li tinvestiga jekk il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni dwar l-osservanza tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dawk tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar l-istess, humiex applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Kummissjoni intimata.

Dan il-punt gia' gie investigat b'mod dettaljat <u>fir-rigward tal-kummissjoni dwar l-investigazzjoni tal-ingustizzji</u> fil-kawza <u>Antoine Tagliaferro et vs Onor. Prim Ministru</u> deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar, 1996 u li kopja taghha giet esebita mill-intimati. Din is-sentenza, illi kkonfermat sentenza ta' din il-Qorti, ma thalli ebda ombra ta' dubbju li din l-eccezzjoni hija fondata. Fil-fatt il-Qorti qalet hekk;

"*Diga gie stabbilit illi l-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-konfront tac-cittadin izda tinvstiga biss jekk id-decizjoni amministrattiva, independentement minn dan id-dritt jew obbligu, jekk jesisti, kinitx influwenza minn xi pregudizzju li jkun allura li tigi kreata diskriminazzjoni jew eskluzjoni li jwassal ghal ingustizzja. Ghalhekk il-Kummissjoni mhux organu gudizzarju li jiddetermina drittijiet u obbligi u d-decizjoni tal-Kummissjoni ma tikkreax drittjiet fil-persuna li tkun gabet l-ilment taghha; konsegwentement ir-rekwisiti kostituzzjoniali u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar smigh xieraq ma japplikawx ghall proceduri quddiemha u ghad-decizjoni taghha.*"

Il-Qorti, wara li ezaminat il-ligi in kwistjoni (Kapitolu 326) taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni li lanqas hi ma hija tribunal li tohloq xi drittijiet jew obbligi fit-terminu tal-Kostituzzjoni u l-konvenzjoni. Il-Kummissjoni tinvestiga l-ilment u mbaghad obligata tissottometti r-rapport taghha lill-Ministru tal-Gustizzja. Ma taghti ebda decizjoni u lanqas jekk tirrakkomanda xi azzjoni ulterjuri, din issir quddiem il-Qorti kompetenti u li mbaghad tiddeciedi dwar il-kolpevolezza o meno tal-indagat. Kif sewwa rrimarkat il-Kummissjoni fin-nota

taghha r-rikorrent ma kienx parti fil-proceduri quddiemha ghaliex strettament ma hemmx partijiet quddiemha – kien il-persuna li ressaq l-ilment u naturalment xhud principali. Ma setax pero' jigi moghti xi drittijiet civili li solitament wiehed jakkwista minn Qorti jew tribunal. Il-Kummissjoni, l-istess bhall-Kummissjoni ghall-investigazzjoni tal-ingustizzji kreata bl-Att XV tal-1987 *ma hix Qorti ghall-ghanijet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittjiet tal-bniedem u d-dritt garantit b'dawk l-artikoli ma japplikax ghall-procedimenti quddiem il-Kummissjoni.* (Prim'Awla - Eddie Cachia vs Dottor Joseph Galea Debono et, deciza fil-21 ta' Mejju, 1993).

Kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti Ingliza fil-kawza Bushell vs Secretary of State for the Environment (1981) citata fil-manwal *European Human Rights Law* (pagna 390);

"*A trial ends with a decision in favour of one party. An inquiry does not. There is no 'lis' between a minister and his department on the one hand and the objectors on the other. The Minister then has to decide and in reaching the decision he may have regard to the policy considerations not discussed at the inquiry.*

Stabbilit dan il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tinvestiga jekk ghandhiex tiddeklina li tisma’ l-kaz, a skans tal-possibilita’ li l-kawza titwal ghal xejn.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-Kummissjoni ntimata u tillibera l-intimati kollha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjes a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------